MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 150/2009

**A B**

**-vs-**

**C D f'isimha proprju u b'digriet tat-23 ta' Settembru 2009 giet nominata bhala kuratrici 'ad litem' tal-minuri E B;**
**F G B b'digriet tal-10 ta' Lulju 2009 gie nominat bhala kuratur sabiex jirraprezenta lill-assenti H B;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-esponent kellu relazzjoni extra-maritali mal-konvenuta C D, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri E B li llum ghandha hames (5) snin;

Illi fl-Att tat-Twelid tal-imsemmija minuri E B, il-konvenut H B, bil-konnotati kollha tieghu, gie mnizzel bhala missier il-minuri E B, u dan kif jidher mill-Att tat-Twelid Numru tliet elef, tmien mija u tmienja u ghoxrin tas-sena elfejn u tlieta (3823/2003) [kopja annessa bhala Dok. 'A'];

Illi mit-test ta' DNA li sar fuq kampjun orali ta' C D, il-minuri E B u A B irrizulta b'mod car illi l-esponent A B huwa effettivament il-missier naturali tal-minuri E B (vide Dok. 'B') u l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar Ph.D., B. (Pharm) (Hons) [vide Dok. 'C'];

Illi ghalhekk qed tigi prezentata din il-kawza sabiex isiru l-appoziti korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid tal-minuri E B.

Ghaldaqstant, il-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri E B li twieldet fit-22 ta' Ottubru 2003, m'huwiex il-konvenut H B;

Konsegwentement, tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-Att tat-Twelid Numru 3828/2003 tal-minuri msemmija E B, u partikolarment fil-kolonni ntestati "taghrif dwar: isem u kunjom, missier it-tarbija, id-dokument tal-identita', eta', fejn twieldu, joqoghdu, isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" jigu kancellati dawk il-konnotati kollha li hemm imnizzla relattivi ghall-konvenut H B u fil-kolonna "taghrif dwar: isem u kunjom missier it-tarbija jitnizzlu l-kliem mhux maghruf".

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi jissokta jinghad li l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat, senjatament dwar il-paternita' tal-minuri E B u ghalhekk dwar il-mertu huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi bla hsara ghall-premess sabiex tigi akkolta l-ewwel talba tieghu, ir-rikorrenti jehtieglu jipprova l-impossibilita' fizika tal-kongungiment bejn il-konjugi H B u C D tul il-perjodu li jsemmi l-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-istess waqt, ir-rikorrent irid ukoll jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta' stat tal-minuri E B ma jaqbilx mal-istat li jaghtiha l-att tat-twelid taghha;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu jikkoncerna t-tieni talba tar-rikorrenti, l-esponent umilment jirraviza l-improponibbilita' taghha u dan ghaliex filwaqt li r-rikorrenti ghandu kull dritt qua terz interessat li jattakka l-filjazzjoni tal-minuri E B a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, min-naha l-ohra l-ligi ma tikkoncedilux l-istess dritt li jagixxi gudizzjarjament biex jitlob id-dikjarazzjoni tal-paternita' tieghu;

Illi fuq l-istess stregwa allura lanqas ma tista' tintlaqa' kompletament it-tielet talba tar-rikorrenti ghaliex jekk kemm-il darba hu jirnexxielu jipprova ghas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti li l-minuri E B m'hijiex il-wild naturali tal-intimat H B, f'dak il-kaz il-minuri trid tigi mnizzla bhala l-wild ta' persuna mhux maghrufa;

Illi ulterjorment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem H B, ghandhom jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3828 tas-sena 2003;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggjettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' April 2010 li permezz tieghu, in vista tal-korrezzjonijiet fir-rikors promotur, id-Direttur tar-Registru Pubbliku rtira t-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjoni tieghu.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Peress illi jirrizulta mix-xhieda prodotta, partikolarment in vista tar-rizultanzi tal-ezamijiet xjentifici esegwiti mill-esperti medici, illi l-minuri E B fil-fatt m'hijiex wild naturali ta' H B, it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri E B m'hijiex wild H B;

2. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid Nru. 3828/2003, fil-kolonna bid-dettalji tal-missier jithassru l-konnotati ta' H B u jitnizzlu minflok il-kliem "missier mhux maghruf". Mill-kolonna bid-dettalji tal-omm ghandhom jithassru l-kliem "*the said*".

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------